# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 11**
**Rikors maħluf numru 278/2019/1 FDP**

***HSBC Bank Malta plc***
***v.***
***Gozo Caterers Limited***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru 2022 illi ikkundannatha trodd flus lilha mislufla mill-attriċi flimkien mal-imgħaxijiet relattivi u l-ispejjeż tal-kawża.

2. L-attriċi fissret illi b'kuntratt pubbliku tal-21 ta' Novembru 1995 *Lohombus Bank Limited* (li, wara, kien amalgamat ma' *Mid-Med Bank Limited*, illum is-soċjetà bankarja attriċi) kien silef lis-soċjetà konvenuta tletin elf lira ta' Malta (Lm30,000), illum disgħa u sittin elf, tmien mija u wieħed u tmenin ewro u għoxrin ċenteżmu (€69,881.20). Dan is-self kellu jintradd fi żmien

għoxrin sena. Kemm għax il-konvenuta ma għamlitx il-ħlasijiet kollha li kellha tagħmel u kemm għax għadda ż-żmien għall-ħlas, l-attriċi għandha tagħti erbgħa u tmenin elf, erba' mija u tnejn u tmenin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€84,482.25) maqsuma hekk: sebgħa u erbgħin elf, seba' mija u ħamsa u sittin ewro u tmien ċenteżmi (€47,765.08) bilanċ tal-kapital misluf u sitta u tletin elf, seba' mija u sbatax-il ċenteżmu (€36,717.17) imgħax sad-29 ta' Jannar 2019, barra l-imgħax mit-30 ta' Jannar 2019 sa meta jsir il-ħlas.

3. Billi għalxejn sejħet lill-konvenuta biex tħallas, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti, wara li tgħid illi l-konvenuta għandha tagħtiha €84,482.25 kif imfisser fuq, tikkundannaha tħallas din is-somma flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż.

4. Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. It-talba attriċi hija affettwata [*sic*] bir-*res judicata stante* li l-istess attriċi għamlet kawża (882/11JPG) kontra l-istess intimata (l-istess partijiet) għall-istess allegat debitu, liema talbiet attriċi ma ntlaqgħux.
>
> »2. L-azzjoni attriċi hija intempestiva u għalhekk nulla.
>
> »3. Bla preġudizzju għal dawn, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-bank attur *stante* li huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt *stante* li l-bank attur qed jippretendi ammont esaġeratissimu ta' mgħax u għandu jkun verifikat jekk jiksirx ir-regola tal-*ultra duplum*, għandu jkun verifikat jekk il-komputazzjonijiet magħmulin mill-bank attur mhumiex korretti; il-komputazzjonijiet magħmulin mill-bank huma sempliċiment *ex parte* u għalhekk ma għandhomx jorbtu lill-eċċipjenti.
>
> »4. Bla preġudizzju għal dak kollu fuq imsemmi, inoltri l-bank attur aġixxa b'mod diskriminatorju mal-kumpannija konvenuta u dana għaliex lil ħaddiehor ħafirlu u/jew ried jaħfirlu u/jew ġew *written off* ammonti dovuti, tant illi l-istess bank kellu *bad debts* in rigward ta' terzi.
>
> »5. Bla preġudizzju għal dak kollu fuq imsemmi, l-bank attur iċċarġja *administrative fees* u/jew simili mhux gusti.
>
> »6. Bla preġudizzju għal dak kollu fuq imsemmi, l-bank attur għandu f'idejh ipoteki li huma valur multiplu anki saħansitra tal-ammont minnu allegat dovut. Dawn l-ipoteki għandhom jiġu ridotti skont il-liġi.

»Bla preġudizzju għal dak kollu fuq imsemmi, il-kumpannija konvenuta ma taqbilx mal-komportament tal-bank attur, u li għalhekk tirriserva kull dritt t'azzjoni lilha spettanti skont il-liġi kif ukoll d-drittijiet kollha tagħha skont il-liġi.«

5. L-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u laqgħet it-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

» L-ewwel eċċezzjoni preliminari – *res judicata*

»L-ewwel eċċezzjoni, li hija eċċezzjoni ta' natura legali, sollevata mis-soċjetà intimata, hija li din il-kawża hija effetwata [*sic*] bil-ġudikat ta' sentenza fl-ismijiet *HSBC Bank Malta plc v. Gozo Caterers Limited* (882/11) deċiża mil-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-5 ta' Diċembru 2014.

»Il-qorti tosserva illi l-*exceptio rei judicatæ* għandha bħala fundament il-fatt tal-interess pubbliku … u … hija ta' *strictissimæ interpretationis*.

»… … …

»… … … l-element tal-*eadem persona* jissussisti peress li l-partijiet huma l-istess kemm f'dan il-każ u kemm fil-każ 882/11. Għalhekk jonqos li jiġi determinat minn din il-qorti jekk l-imsemmija sentenza li għaddiet in ġudikat kinitx titratta propju l-istess oġġett u l-istess kawżali ta' din il-kawża.

»Rigward l-*eadem causa petendi*, dak li jrid jiġi eżaminat huwa jekk il-kawża ġdida u t-talba ġdida humiex fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti. Il-qorti tirrileva illi għalkemm, kif sottomess mis-soċjetà intimata fissottomissjonijiet, il-partijiet u l-iskop tal-kawżali fiż-żewġ kawżi huma l-istess, u *cioè*, li l-iskop prinċipali huwa li l-bank jieħu l-flus li għandu jieħu, dan ma jfissirx li ż-żewġ kawżi huma fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti.

«Jirriżulta, infatti, li fil-każ in eżami l-bank rikorrent qed jipproċedi sabiex jottjeni dikjarazzjoni li s-soċjetà intimata hija debitriċi tal-bank fl-ammont ta' €84,482.25 *oltre* l-imgħax. Mill-banda l-oħra, fil-każ 882/11 il-bank rikorrent kien ipproċeda sabiex il-bank iġedded titolu eżekuttiv naxxenti minn kuntratt a tenur tal-artikolu 258(*ċ*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ċertament huwa distint minn dak li qed jintalab f'dan il-każ.

»*In vista* tas-suespost, m'hemm l-ebda dubju li ż-żewġ kawżi, ossija dik odjerna u dik preċedenti, m'għandhomx bħalha bażi l-istess oġġett, l-istess kawżali u l-istess fatt ġuridiku tat-talba preċedenti. Għalhekk, it-tliet elementi meħtieġa għas-suċċess tad-difiża tar-*res judicata* ma jissussistux.

»Għaldaqstant, din il-qorti ser tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà intimata dwar il-ġudikat. Konsegwentement, din il-qorti ser tipproċedi biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent f'dan il-każ.

»It-tieni eċċezzjoni preliminari

»Ġie eċċepit fit-tieni lok, li l-kawża hija intempestiva, għalhekk, nulla.

»Fis-sottomissjonijiet tas-soċjetà intimata, ġew elenkati erba' rekwiżiti sabiex tkun tista' tirnexxi intempestività ta' azzjoni. Dawna huma s-segwenti: (i) jekk kinux saru xi ħlasijiet diġà; (ii) jekk ikun hemm xi relazzjoni speċjali mal-bank; (iii) jekk il-*liabilites* li ikun baqa' jkunux qed jiżdiedu b'mod preġudizzjevoli definittiv u irrimedjabbli; (iv) jekk effettivament kinux għaddejjin taħdidiet bejn iż-żewġ naħat.

»Is-soċjetà intimata stess tirrileva fis-sottomissjonijiet li huwa ferm diffiċli li dawn ir-rekwiżiti jkunu sodisfatti kollha. Iżda, kemm-il darba sodisfatti, m'hemmx dubju li għandha tintlaqa' l-intempestività tal-azzjoni.

»Il-qorti tosserva li, mill-assjem tal-provi, jirriżulta li pagamenti kienu ilhom ma jsiru mis-sena 2009, ma kienet teżisti ebda relazzjoni specjali mal-bank, id-dejn kien baqa' jikber għax qatt ma sar ħlas, u ebda taħdidiet effettivi ma kienu qed isiru.

»Il-fatt li x-xhud Edward Mizzi ikkonferma li, f'xi stadju, kien hemm taħdidiet verbali bejn il-partijiet sabiex jippruvaw jaslu għal ftehim, evidentement ma jfissirx li ntlaħaq ftehim. Il-qorti tagħmilha ċara li hija irrelevanti l-kwistjoni għaliex ma ntlaħaqx ftehim jew le, liema kwistjoni tidher li kienet proprju l-*ultra duplum*. Il-fatt jibqa' li l-ftehim ma ntlaħaqx. Fil-fatt, jirriżulta li l-ebda ftehim ma avvera ruħu bejn il-partijiet.

»Għalhekk, *in vista* tas-suespost, tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà intimata.

»Kunsiderazzjonijiet fil-mertu

»Permezz tal-każ odjern, il-bank rikorrent qed jitlob li s-soċjetà intimata tiġi dikjarata debitriċi tal-bank fl-ammont ta' €84,482.25 *oltre* l-imgħax, u sabiex konsegwentement, is-soċjetà intimata tiġi ikkundannata tħallas dan l-ammont bl-imgħax bit-30 ta' Jannar 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

»Min-naħa l-oħra, l-intimati eċċepew fil-mertu li jridu jiġu mistħarrġa l-kalkoli kif maħduma mill-bank peress li allegatament jinkludu interessi esaġerati ta' *ultra duplum*; b'hekk ġie sostnut li t-talba tar-rikorrent kif dedotta hija eċċessiva. *Inoltre*, ġie eċċepit ukoll li l-bank mexa b'mod diskriminatorju billi ħafer ammonti lil persuni oħra, billi tħassru bħala *bad debts*. Ġie sostnut ukoll fl-eċċezzjonijiet li l-bank inkluda *administration fees* li mhumiex ġusti, u li l-ipoteki li għandu f'idejh il-bank għandhom jiġu ridotti skont il-liġi.

«Mill-provi prodotti jirriżulta li l-bank eżebixxa kopja tal-kuntratt ta' self u bejgħ fl-atti tan-Nutar Eugene Montanaro datat 21 ta' Novembru 1995 – ossija ta' sebgħa u għoxrin sena ilu! – fejn is-soċjetà *Gozo Caterers Limited* kienet ingħatat facilità bankarja konsistenti f'self fis-somma ta' Lm30,000 ekwivalenti għal disa' u sittin elf, tmien mija u wieħed u tmenin euro u għoxrin ċenteżmu (€69,881.20) mingħand il-bank *Lohombus Bank Limited*, sabiex tixtri proprjetà. Ġiet eżebita wkoll kopja tas-*sanction letter* datata 4 ta' Novembru 1995. Mar-rikors promotur, il-bank eżebixxa wkoll *statement* li juri l-ammont li għadu dovut mis-soċjetà intimata fuq il-kont numru 51022456. Minn eżami tas-*sanction letter* jirriżulta li l-faċilità bankarja mogħtija lil *Gozo Caterers Limited* kellha titħallas lura fi żmien għoxrin sena mid-data ta' meta s-soċjetà intimata tkun użat il-flus, *cioè*, mid-data tas-*sanction letter* ossija 4 ta' Novembru 1995.

»Jirriżulta li s-soċjetà intimata ma baqgħetx tħallas il-pagamenti, kuntrarjament għal dak li kien ġie stipulat fis-*sanction letter*. Fil-fatt, fl-i*statement* eżebita mar-rikors promotur jidher li l-aħħar pagament li sar mis-soċjetà *Gozo Caterers Limited* kien fis-sena 2009.

»Jirriżulta li s-*sanction letter* kienet tipprovdi dwar il-pagamenti li kellhom isiru:

> »"Repayment
>
> »"at the rate of Lm270 monthly inclusive of interest over approximately 20 years commencing on the third day of the month following that in which the loan is drawn."

»Fl-istess *sanction letter* ġie provdut hekk dwar l-imgħax:

> »"Interest
>
> »"Interest will be at the maximum rate allowed by law, presently at 9% *per annum*. At the present time, it is the practice to pass interest entries twice yearly."

»Din il-qorti tqis li l-provi prodotti da parti tal-bank juru li l-ftehim kif pattwit bejn il-partijiet juri l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-ftehim li kellhom jiġu onorati mis-soċjetà intimata rigward il-ħlasijiet. Jidher, evidentement, li dawn il-ħlasijiet waqfu jsiru fis-sena 2009. Jidher ukoll li, skont il-ftehim kif pattwit, il-bank seta' jipproċedi u jitlob l-interessi, kif pretiż f'dan il-każ.

»Hija regola ġenerali li l-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat* … … …

»Dwar dak eċċepit mis-soċjetà intimata, li l-bank mexa b'mod diskriminatorju, għaliex allegatament lil ħaddieħor ħafirlu d-dejn bħala *written off* jew *bad debts*, il-qorti tosserva illi dina hija difiża bla bażi, kemm legalment kif ukoll fattwalment. Fl-ewwel lok, is-soċjetà intimata ma ppruvat bl-ebda mod dak minnha allegat dwar djun maħfura fil-konfront ta' oħrajn: is-sempliċi aċċenn għal *Pirella Supermarkets* fis-sottomissjonijiet tas-soċjetà intimata ċertament ma tikkostitwixxi ebda prova. Apparti minn hekk, jekk il-bank jagħżilx li ħafer dejn lil terza persuna jew le hija deċiżjoni purament tas-soċjetà rikorrenti, u s-soċjetà intimata ma tistax tipprova taħrab mill-obbligu tagħha li tħallas dak minnha dovut billi taqbad ma' tali argument pwerili u legalment illoġiku.

»Għaldaqstant, tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà intimata *stante* li ma hija bl-ebda mod ippruvata.

»Ikkunsidrat dan, il-qorti tirrileva li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tas-soċjetà intimata, il-bank irnexxielu jipprova għas-sodisfazzjon tal-qorti li l-faċilità bankarja u s-self mogħti lis-soċjetà intimata ma ġiex imħallas.

»Hawnhekk, ta' min jgħid ukoll li dak li qed jiġi eċċepit dwar l-ammont eċċessiv mitlub u mgħaxijiet għolja m'għandux mis-sewwa għaliex jirriżulta mill-provi dokumentarji eżebiti li l-ftehim u s-*sanction letter* qed jirregolaw l-ammont mitlub f'dan il-każ u dak mitlub huwa *in linea* ma' dak li ftiehmet dwaru s-soċjetà intimata sebgħa u għoxrin sena ilu, meta ħadet il-flus biex takkwista proprjetà!

»F'dan il-kuntest, japplikaw il-prinċipji legali marbuta mal-prinċipju *pacta sunt servanda*. Kif affermat fl-artikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili, il-ftehim huwa liġi bejn ilpartijiet.

»Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kuntrattwali għandu jiġi rispettat u li hija l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata.

»Għalhekk, meta applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jirriżulta li dak mitlub mill-bank huwa dovut, kif ippruvat, u huwa konformi mal-kuntratti iffirmati bejn il-kontraenti, kif ippruvat.

»Imgħaxijiet

»Din il-qorti ser issa tikkunsidra wkoll il-kwistjoni tal-imgħaxijiet kif tirriżulta mid-dokumenti u mill-provi eżebiti.

»Il-bank fis-sottomissjonijiet tiegħu għamel referenza għas-*sanction letter* u dak stipulat rigward ir-rata tal-imgħax hemm maqbula, u jisħaq li l-i*statement*, kif ikkonfermat, juri li l-kalkolu tal-imgħax ġie maħdum b'imgħax sempliċi, filwaqt illi huwa biss l-imgħax ulterjuri mitlub f'din il-kawża (mill-preżentata ta' dan il-każ sal-ħlas tal-ammont pretiż) li jiġi ikkalkulat l-imgħax kompost skont l-artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili. 64. Relevanti li ssir referenza għall-Artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi:

> »"(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi eżegwita.
>
> »"(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak inhar li ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni."

»… … …

» . Fil-fatt, jista' jingħad li, jekk l-obbligazzjoni tkun ta' natura kum-merċjali, l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu *ipso jure*, mingħajr ħtieġa ta' talba għalihom b'att ġudizzjarju, u b'effett minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha titwettaq, dan dejjem abbażi tal-artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili.

»Jidher mill-i*statement*, li l-ammont tas-self huwa maħdum b'imgħax sempliċi, u huwa biss fuq l-imgħax ulterjuri li huwa maħdum bl-imgħax kompost.

»Referibbilment għall-*ultra duplum*, ġie sottomess mill-bank attur li l-liġi Maltija imkien ma timponi divjet fuq il-fatt li l-interessi jeċċedu l-kapital. Iżda, anke jekk dan il-prinċipju ta' *ultra duplum* xi drabi ġie rikonoxxut fil-ġurisprudenza, ma kienx meqjus li japplika f'kuntest ta' dejn kummerċjali u transazzjonijiet bankarji.

»Il-bank fis-sottomissjonijiet, semma' wkoll li skont l-artikolu 5(*b*) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, kwalunkwe transazzjoni bankarja hija *an objective act of trade*, b'hekk hawnhekk ma jitrattax dejn ċivili. *Inoltre*, ġie sottomess ukoll li, anke jekk il-qorti kellha jidhrilha li dan mhuwiex strettament dejn kummerċjali, il-prinċipju li l-imgħax m'għandux jisboq il-kapital xorta ma tapplikax fejn tikkonċerna dejn dovut lill-bank. … … …

»Min-naħa l-oħra, is-soċjetà intimata sostniet fis-sottomissjonijiet li d-dottrina tal-*ultra duplum* hija ċara, ossija li l-imgħaxijiet ma jistgħux jeċċedu l-kapital, ħlief f'każ ta' *overdraft* u f'każ ta' mgħaxijiet li jkunu għaddew fuq ammont kanonizzat.

»Kompla jingħad fis-sottomissjonijiet tas-soċjetà intimata, li s-self ta' *Gozo Caterers Limited* huwa mutwu sempliċi, u mhux minnu li s-self kien kummerċjali, anke għaliex is-self ingħata minn *Lohombus Corporation Limited* li kienet għal snin sħaħ tagħti self ċivili għal xiri ta' djar. … … … Is-soċjetà intimata kkonkludiet li l-*ultra duplum* ma kienx japplika għal *overdraft*, iżda japplika għal kull każ ieħor ta' self bħal ma huwa l-każ in eżami.

»Il-qorti, hawnhekk, tqis illi opportun ill ssir referenza għas-*sanction letter* biex jiġi stabbilit jekk is-self huwiex dejn kummerċjali jew le, u tali *sanction letter*, taħt is-subtitolu "*Purpose*" tgħid hekk:

»"To end finance purchase of company office."

»Il-qorti ma għandha ebda dubju illi s-self ma kienx wieħed personali, kif tikkontendi s-soċjetà intimata, iżda kien purament wieħed kummerċjali, u għalhekk, l-argument persistenti tas-soċjetà intimata fis-sottomissjonijiet dwar dan il-punt, ma jreġġix.

»Lanqas ma huwa veritjer u korrett dak sottomess mis-soċjetà intimata li l-komputazzjonijiet tal-bank dwar l-imgħax huma esaġerati u li jiksru r-regoli ta' *ultra duplum* u dana għar-raġunijiet ġà aktar 'il fuq espressi.

»Għalhekk, konsegwentement, tiċħad it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà intimata.

»Il-ħames eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata dwar *administration fees*

»Is-soċjetà intimata sostniet li l-bank impona *administration fees* li m'humiex ġusti.

»Jiġi puntwalizzat fl-ewwel lok li meta si tratta ta' *administration fees* dawn mhumiex multi, iżda huma *charges* imposti skont il-prassi bankarja u skont it-termini u kondizzjonijiet tal-bank stess, u li huma parti mill-obbligi li jiġu assunti minn kull min jitlob li jingħata flus biex jagħmel profitt bihom u jingħata tali flejjes – bħalma għamlet is-soċjetà intimata.

»Hawnhekk, ta' min isemmi li ma ġiet prodotta l-ebda prova da parti tas-soċjetà intimata li turi li l-*administration fees* huma żbaljati u li mhux impost skont il-prassi tal-bank. Kien jinkombi fuq is-soċjetà intimata li tipprova dan.

»Fid-dawl ta' dan tiċħad din il-ħames eċċezzjoni tas-soċjetà intimata.

»Is-sitt eċċezzjoni tas-soċjetà intimata

»Jirriżulta li s-soċjetà intimata eċċepiet li l-bank għandu f'idejh ipoteki ta' valur multiplu, anke tal-ammont dovut, liema ipoteki għandhom jiġu ridotti skont il-liġi.

»Il-qorti tibda billi tosserva illi s-soċjetà intimata, ċertament sabiex tiffranka spejjeż legali, ma intavolat ebda kontro-talba; għalhekk kwalsiasi talba għal riduzzjoni ta' xi ipoteki ma tista' qatt tiġi kkunsidrata.

»Apparti minn hekk, la darba ġie ppruvat li għal self mogħti lis-soċjetà intimata sebgħa u għoxrin sena ilu, l-aħħar pagament li sar da parti

> tas-soċjetà intimata kien tlettax-il sena ilu, ossija fis-sena 2009, ma jista' jeżisti ċertament ebda raġuni għaliex il-bank rikorrent għandu jiġi lilha ridott xi ipoteka li għandha. Għaldaqstant, m'hemmx lok għal riduzzjoni ta' ipoteki.
>
> »Konsegwentement, tiċħad is-sitt eċċezzjoni tas-soċjetà intimata.«

6. Il-konvenuta appellat b'rikors tal-21 ta' Ottubru 2022 li l-attriċi wieġbet għalih fl-14 ta' Novembru 2022.

7. L-ewwel aggravju tal-appell jgħid hekk:

> »L-ewwel aggravju – intempestività
>
> »L-ewwel aggravvju jirreferi għall-konklużjoni tal-ewwel qorti li rrekwiżiti għal biex ikun hemm każ ta' intempestività ma ġewx sodisfatti. … … …
>
> »Però waħda mill-iktar provi inkonfutabbli li dawn il-proċeduri nfethu waqt li kienu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet kellha tkun il-korrisponenza bejn il-partijiet. Però konvenjentement il-bank ġie jinforma lill-ewwel qorti li l-korrispondenza tilifha. Il-fatt li l-bank tilef dokumenti li m'għandhom jintilfu qatt minn bank huwa fatt suspettuż, iktar u iktar meta l-*file* relattiv baqa' dejjem miftuħ minħabba dawn il-proċeduri. L-esponenti kienet għadha qed tibgħat korrispondenza lill-bank anke wara li l-bank intavola l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Frar 2018. Tali dokumenti mistura mill-għajn tal-qorti kienu f'dan il-kuntest essenzjalissimi, u n-nuqqas tagħhom jirrendi l-proċeduri meħuda vizzjati.
>
> »L-esponenti għalhekk tappella lil din il-Qorti tal-Appell tevalwa ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u takkolji l-eċċezzjoni tal-intempestività li wara kollox kienet ġiet sollevata mill-bidu nett tal-kawża.«

8. Diffiċli tifhem kif tista' serjament tgħid illi kawża għall-ħlas ta' dejn li kellu jitħallas sal-2015 – tmien snin ilu – hija intempestiva. Il-fatt li f'xi waqt inbdew diskussjonijiet bejn kreditur u debitur dwar kif jista' jsir il-ħlas ma jfissirx illi l-kreditur ikollu bilfors jistenna sakemm jintlaħaq ftehim, jew li ma jistax itemm id-diskussjonijiet meta jara li ma huma qegħdin iwasslu mkien, aktar u aktar meta ma sar ebda ħlas, imqar akkont, fil-frattemp.

9. Din l-eċċezzjoni, li l-qorti ma tqishiex waħda serja, hija għalhekk miċħuda.

10. It-tieni aggravju jgħid hekk:

> »2. It-tieni aggravvju – l-*ultra duplum*
>
> »Dan l-aggravju jirrigwarda r-rifjut tal-eċċezzjoni tal-*ultra duplum*. Skond ir-regola mħaddna fil-liġi Maltija tal-*ultra duplum*, imgħax fuq dejn ma jistax jabqeż l-ammont tad-dejn oriġinali. Din kienet ħarġet mill-*lex usuris* ta' Iustinianus. Però l-liġi Maltija ħolqot eċċezzjonijiet għal din ir-regola, bħal meta dejn ikun ġie kanonizzat b'sentenza. Kien ġie stabbilit ukoll din ir-regola ma tappikax f'kaz ta' *overdraft* u f'każijiet ta' transazzjonijiet kummerċjali.
>
> »… . … issir referenza … għall-prospett esebit min-Nutar Emmanuel Cefai fl-istadju tal-provi tiegħu li juri l-ħlasijiet relattivi li għamel huwa u li jammontaw għal somma ogħla ferm mill-kapital. L-ewwel qorti waslet li tiċħad din l-eċċezzjoni fuq il-premessa li l-ammont reklamat mill-bank attur huwa riżultat ta' transazzjoni kummerċjali. Bid-dovut rispett, l-esponenti ma taqbilx li l-kuntratt li a bazi tiegħu il-bank qed iressaq il-pretensjonijiet tiegħu hawnhekk kien jikkostitwixxi transazzjoni kummerċjali; di fatti l-kuntratt relattiv ġie intestat min-Nutar Eugene Montanaro bħala li kien kuntratt ta' self u bejgħ – self mingħand il-bank u bejgħ ta' dar minn terz. Anke s-sustanza tal-kuntratt turi li dan kien self sempliċi għal biex tinxtara dar, u ma jissemmew ebda transazzjonijiet oħra li jistgħu jitqiesu li huma ta' natura kummerċjali. Eluf ta' persuni jitolbu self mill-banek biex jixtru darhom, u l-kuntratti ta' self relattivi ma jistgħux jitqiesu bħala 'transazzjonijet kummerċjali'.
>
> »*Di più*, kieku varament konna qed nittrattaw transazzjoni kummerċjali, dawn il-proċeduri ġew istitwiti ħażin quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, kwantu kellhom jiġu istitwiti quddiem il-Qorti tal-Kummerċ.«

11. Ir-regola li l-imgħax ma jistax jitla' aktar mill-kapital hija regola ġejja mid-dritt Ruman, kodifikata fil-*Lex* 27 *Cod. de usuris* — li tgħid illi l-imgħax *mhux imħallas* ma jistax jitla' aktar mill-kapital — u fin-Novelli 121 u 138 — li jgħidu li l-imgħax kollu*, ukoll dak ġà mħallas*, ma jistax ikun aktar mill-kapital. Għalkemm il-*lex de usuris* hija parti mid-dritt Malti, in-Novelli 121 u 138 ma kinux inkorporati[1]; dan ifisser illi jkun hemm imgħax *ultra duplum* bi ksur tal-liġi mhux meta l-imgħaxijiet – kemm dawk ġà mħallsa u kemm dawk magħluqa iżda mhux imħallsa – jeċċedu l-kapital, iżda meta l-imgħaxijiet attwalment dovuti jaqbżu l-bilanċ tal-kapital attwalment dovut. L-imgħaxijiet mitluba mill-attriċi – €36,717.17 – ma jaqbżux il-bilanċ tal-

[1] Ara John Francia *noe v.* Alfredo Apap, Kumm. 15 ta' Jannar 1935, Vol. XXIX-III-73, u Caterina Bonello *et v.* Giuseppa Lanzon, 14 ta' Jannar 1964, Vol. XLVIII-III-1363.

kapital misluf – €47,765.08 – u għalhekk il-kwistjoni tal-*ultra duplum* ma tqumx.

12. It-tielet aggravju jgħid hekk:

> »3. It-tielet aggravvju – imgħax u *administrative charges*
>
> »Dan l-aggravju jirreferi għaċ-ċaħda tal-eċċezzjoni li ġew imposti imgħaxijiet aktar milli ftiehemu fuqhom il-partijiet u *administrative charges* li gew imposti unilateralment.
>
> »Fil-waqt li huwa minnu li l-liġi tippermetti li imgħax jigi kapitalizzat f'għeluq is-sena, tali imgħax jissejjaħ imgħax kompost. Issa l-bank attur akkumula l-interessi fuq il-kapital misluf fuq bazi ta' mgħax kompost. Fih innifsu dan huwa permess mil-liġi, però dan ma kienx skond il-ftehim li kien hemm bejn is-soċjetà appellanti u l-bank appellat. Skond il-kuntratt li a bażi tiegħu il-bank qed jagħmel din il-kawza, u *cioè* l-kuntrat tal-21 ta' Novembru 1995 fl-atti tan-Nutar Eugene Montanaro, l-imgħax li kellu jakkumula fuq il-kapital dovut kellu jkun imgħax sempliċi. Għalhekk meta l-bank beda jikkapitalizza l-imgħaxijiet u allura mbagħad jerġa' jimponi mgħaxijiet fuq l-imgħaxijiet kapitalizzati kien qed imur kontra l-ftehim ta' bejn il-partijiet. Hawnhekk għandu japplika l-prinċipju *pacċta sunt servanda:* jekk il-partijiet ftiehmu li l-imgħax għandu jkun wiehed sempliċi, hekk għandu jinħadem l-imgħax, irrispettivament mill-fatt li l-liġi tippermetti li jiġi kapitalizzat l-imgħax u li l-bank soltu hekk jagħmel. Dak il-kuntratt huwa liġi bejn il-partijiet, u jipprevali fuq dak li tippermetti l-liġi ġenerali.
>
> »Il-kalkoli tal-imgħax għamilhom il-bank unilateralment, u impona mgħax kompost kontra l-ftehim ta' bejniethom. Din kienet waħda mir-raġunijiet għaliex il-partijiet kienu qed jikkomunikaw biex jippruvaw jaslu għa lftehim, L-istess l-*administrative charges* - il-bank imponihom fuq is-soċjetà appellanti mingħajr ma involva lill-isess soċjetà meta ġie biex jimponihom.«

13. Hu minnu li dawk li jissejħu *administrative charges* jistgħu jkunu mgħaxijiet moħbija u bi ksur tal-liġi. Iżda mhux biżżejjed li l-appellanti tixħet l-allegazzjoni u ma tippuntwalizzax liema minn dawn l-*administrative charges* huma tassew imgħaxijiet moħbija.

14. L-istess jingħad dwar l-allegazzjoni ta' mgħaxijiet komposti. Mhux biżżejjed għall-appellanti li tgħid illi l-kontijiet ħadimhom il-bank u li fihom imgħaxijiet komposti: li kellha tagħmel hu li taħdimhom hi wkoll u tgħid fejn hemm diskrepanzi u turi li dawk id-diskrepanzi huma dovuti għal

imgħaxijiet jew *charges* oħra li ma kellhomx ikunu imposti. Minn dan l-attriċi ma għamlet xejn ħlief tixħet allegazzjonijiet li ma ġewx minnha sostanzjati.

15. Barra minn hekk, il-ftehim bejn il-partijiet igħid illi "*At the present time, it is the practice to pass interest entries twice yearly*" li jfisser, kontra dak li tgħid l-appellanti, illi l-ftehim kien li l-imgħaxijiet jiġu kapitalizzati kull sitt xhur.

16. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

17. Ir-raba' aggravju ġie mfisser hekk:

> »5. Ir-raba' aggravju – *res judicata*
>
> »Ir-raba' aggravvju jirrigwarda r-rifjut tal-eċċezzjoni tar-*res judicata*.
>
> »… … … L-istess bank attur odjem kien ressaq il-kawza 882/11 kontra l-istess intimata odjerna għal biex jithallas l-istess dejn li qed jiġi reklamat f'din il-kawża.
>
> »Jirriżulta li l-ewwel qorti aċċettat li bejn dik il-kawża u din il-kawża hemm *eædem personæ* (l-istess partijiet) u *eadem res* (qed jintalab ħlas, ukoll) imma ma taqbilx li hemm *eadem causa petendi* (jekk hemmx l-istess raguni għalxiex għandu jsir il-hlas). L-esponenti ma taqbilx li l-fatt li l-bank attur utilizza proċedura differenti hija suffiċjenti biex jingħad li hemm *causa petendi* differenti. Kemm f'dawk il-proċeduri kif ukoll f'dawn il-proċeduri, il-bank ibbaza l-pretensjoni tiegħu fuq self li sar bl-imsemi kuntratt tal-1995, u fuq il-ħlas li sar jew ma sarx wara dak il-kuntratt. Kemm f'dik l-ewwel kawża kif ukoll f'din il-kawża l-bank ressaq il-kuntratt tal-1995 u l-i*statements* kollha biex juru wara li sar dak is-self xi thallas u x,ma thallasx
>
> »Il-*causa petendi* ma tirriferix għal proċedura legali adoperata, imma r-raġuni għalxiex attur ikun ħarrek lill-intimat. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni kellha tiġi akkolta.
>
> »Meta wieħed iħares lejn dan il-każ b'mod ġenerali wieħed neċessarjament jikkonkludi li għall-bidu r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet waħda tajba, iżda meta mbagħad ir-rappreżentanti tas-soċjetà appellanti bdew isibu raġunijiet għalxiex jiddomandaw l-operat tal-bank, il-bank beda jittratta lill-istess rappreżentanti ħażin. Bdew isiru diskussjonijiet li però minn dak li ngħad matul il-kawża wieħed jifhem li l-bank ma kienx qed jirrifletti fuq dak li kien qed jiġi ppreżentat lilu.«

18. Fil-kawża <u>*HSBC Bank Malta plc v. Gozo Caterers Limited*</u> (rik. 882/11) il-bank attur, wara li għamel referenza għall-kuntratt fuq imsemmi tal-21 ta' Novembru 1995 li bih sar is-self, kien talab illi l-qorti:

> »… … … tawtorizza lis-soċjetà rikorrenti tgħaddi għall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi *stante* għaddew iżjed minn tliet snin mid-data tal-istess kuntratt u li id-dejn għadu mhuwiex saldat kollu u dan *ai termini* tal-artikolu 258(*ċ*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li r-rikorrent għandu "jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn ... li jkun qiegħed ifittex esekuzzjoni tagħha u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.«

19. Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet fost oħrajn:

> »8. Il-bank rikorrent qed jibbaża l-azzioni tieghu fuq artikolu 258 (Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) subinċiż (*ċ*), li min-naħa tiegħu japplika biss in rigward tal-effetti kontemplati f'paragrafi (*b*) u (*e*) tal-artikolu 253 tal-Kap. 12. Fil-waqt li paragrafu (*e*) dwar *promissory notes* ċertament ma japplikax għall-każ odjern, lanqas paragralu (*b*) ma japplika għall-każ odjern in kwantu dak il-paragrafu japplika biss meta jkollok "il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntatt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt".
>
> »Il-kuntratt li fuqu l-bank rikorrent qed jibbaża din il-proċedura … mhuwiex kuntratt dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, imma huwa kuntratt ta' self u bejgħ. Id-dejn li nħoloq b'dak il-kuntratt kellu jitħallas f'data futura, u għalhekk ma hemm l-ebda dubju li tali dejn ma kienx qed jiġi dikjarat magħluq fil-mument tas-self. Il-kuntratti indikati f'paragrafu 253(*b*) neċessarjament ikunu kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu fejn id-dejn ikun diġà dovut fil-mument li qed isir il-kuntratt.
>
> »11. … … … il-bank rikorrent ma setax jimxi b'din il-proċedura li mexa ossija ipproċeda biha mingħajr ma jottjeni rikonoxximent ġudizzjarju tal-kreditu tiegħu wara li jiġi stabbilit it-terminu għall-ħlas tas-self ossija allegat bilanċ tas-self in kwistioni, kif ukoll wara li jiġi stabilit tul il-proċess sħiħ ġudizzjarju – li jkun kondott bħal kull kawża ċivili normali kif fuq ingħad – illi l-intimati ma segwewx l-*events of default* kif stabbilit fl-istess kuntratt.«

20. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »… … … tilqa' l-eċċezzjonijiet numru tmienja u ħdax tas-soċjetà intimata, tastieni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra tas-soċjetà intimata *stante* illi ma hemmx utilità għal dan, u tiċħad it-talba tal-bank attur.«

21. Il-qorti ma iddeċidietx jekk il-konvenuta hijiex debitriċi tal-attriċi – kif qiegħda tiġi mitluba tgħid illum; kulma iddeċidiet hu illi f'dak il-waqt l-attriċi ma kellhiex titolu esekuttiv u għalhekk il-qorti ma setgħetx tilqa' t-talba għat-twettiq tat-titolu. Fil-fatt il-konvenuta stess kienet osservat fil-ħdax-il eċċezzjoni illi l-bank attur ma setax jinqeda bil-proċedura għat-twettiq ta' titolu esekuttiv "mingħajr ma jottjeni rikonoxximent ġudizzjarju tal-kreditu tiegħu wara li jiġi stabbilit it-terminu għall-ħlas tas-self", li hu appuntu dak li qiegħed ifittex li jagħmel issa l-bank attur.

22. Għalhekk ma hemm ebda ostakolu ta' *res iudicata*, u dan l-aggravju wkoll huwa miċħud.

23. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell tħallashom il-konvenuta. Billi wkoll hija tal-fehma illi l-appell huwa wieħed fieragħ, il-qorti wara li rat il-para. 10 tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tordna lill-appellanti tħallas lir-reġistratur spejjeż addizzjonali ta' elf ewro (€1,000).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da